DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .......................................          DATA/DATI .........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ...............................

*Notamenti*

**IL-BELLIEGĦA FIL-BIR**
*3 Att, 2 Xena, p.123 (m/M)*

## MICHAEL

**U ISSA TIĠI BIL-MUS!**

X'turini? *(imriegħex - jagħmel ftit almu)* X'turini? X'għedt jien? Għedt xi ħaġa jien? X'turini int? Turini! *(jersaq pass)* Ifhem, Xiħ –ifhem jekk taf tifhem – għadda ż-żmien meta kont tista' tbeżżagħna, għadda qed tifhem, Xiħ! U issa tiġi bil-mus! Bil-mus ukoll. Għadek taħseb li tista' tbeżżagħni?...

*IX-XIĦ: Itlaqli 'l barra minn hawn! Mur! Il-flus ħadthom, le? Mela mur! Ma rridekx aktar hawn ġew lilek, qed tifhem! Itlaq!*

/ Immur meta rrid jien! Mela kif? Tiġi hawn, għax taf li telqet hi, u terġa' tipprova tindiehes magħna… bla qatt ma tlabniek! Bla qatt ħadd ma riedek!

/ Min bagħat għalik? Għax għandek il-flus? U ġġib ikel, u ssajjar fniek u lażanja, u nbid tiela' u birra nieżla!?... X'taħseb, li dak biżżejjed biex tpatti għal għoxrin sena ta' nuqqasijiet? Li issa se tkun missier u omm f'daqqa? Kif dejjem ridt tkun! *(<136)*

PDF p.123

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU .............

**PROPS** ..................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = IX-XIĦ

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.